V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħiet għall-proposti skont il-programm ta' ħidma għall-għotjiet fil-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej fi ħdan il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu mill-2014 sal-2020

(Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2016) 1225)

(2016/C 89/11)

Id-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjoni, il-Kontenut u t-Teknoloġija tal-Kummissjoni Ewropea b'dan qed joħroġ tliet sejħiet għall-proposti sabiex jingħataw għotjiet għal proġetti skont il-prijoritajiet u l-għanijiet definiti fil-programm ta' ħidma tal-2016 fil-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej fi ħdan il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu mill-2014 sal-2020.

Qed jintlaqgħu l-proposti għal dawn it-tliet sejħiet:

CEF-TC-2016-1: Is-Sistema tal-Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali (BRIS)

CEF-TC-2016-1: L-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI)

CEF-TC-2016-1: L-Akkwist Pubbliku elettroniku

Il-baġit indikattiv totali disponibbli għall-proposti magħżula bħala parti minn dawn is-sejħiet huwa ta' EUR 32 miljun.

Il-proposti għandhom jitressqu sad-**19 ta' Mejju 2016**.

Id-dokumentazzjoni rispettiva tas-sejħiet tinsab fuq is-sit web tat-Telekomunikazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa:

https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility/cef-telecom/apply-funding/2016-cef-telecom-calls-proposals